**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA` GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.**

**Illum 17 ta' Jannar, 2020**

**Il-PULIZIJA**

**(Spettur Elton Taliana)**

**vs**

**Leon Borg**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Leon Borg detentur tal-karta ta' l-identita bin-numru 4897M akkuzat talli fil-25 ta' Dicembru, 2016 ghal habta tal-ghaxra ta' filghodu f' Birkirkara

1. Minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f' periklu car, ikkaguna ferita ta' natura gravi li giet maghmula b' arma regolari (ponn tal-hadid) fuq il-persuna ta' Nicole Micallef skond kif iccertifika Dr Daniel M Chircop MD mill-isptar Mater

Dei MD u dan ai terminu tal-artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

2. Kellu fil-pussess tieghu arma regolari minghajr il-permess tal-Kummissarju tal-Pulizija
3. Volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ ghajjat u glied (Art 338(dd) Kap 9)
4. Kiser il-Liberta’ Provvizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti ta’ Malta, mill-Magistrat Dr C Stafrace Zammit LLD fid-digriet taghha datat 29 ta’ Lulju 2016, li bih l-imputat m’ ghandux jaghmel reat iehor ta’ natura volontarja.

Rat in-Nota ta’ Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta’ Novembru, 2018 (inserita a fol. 147 tal-atti processwali fejn l-Avukat Generali dehrlu li tista’ tinstab htija (jew htijiet) fil-konfront tal-imputat taht dak li hemm mahsub;

1. Fl-Artikolu 218 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
2. Fl-Artikoli 3, 4 u 51(1)(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta
3. Fl-Artikolu 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta
4. Fl-Artikolu 579(1)(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Fl-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
6. Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat li waqt l-udjenza tat-18 t’ Ottubru, 2019 l-imputat wiegeb li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi.

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza.

Ikkunsidrat

Illi l-fattispeci ta' dan il-kaz jirrigwardaw glieda li sehhet fil-25 ta' Dicembru 2016 fil-gnien tal-Istazzjon Birkirkara fejn Nicole Micallef sofriet griehi gravi. Il-parti leza Nicole Micallef kienet tinsab fil-gnien flimkien ma' Stefano Muscat u Jason Mifsud. L-imputat ra lil Stefano Muscat u ghajjatlu sabiex ikellmu. Nicole Micallef xehdet fl-udjenza tal-20 ta' Jannar 2017 (a fol 20 sa 32 tal-atti processwali) li Stefano ma marx izda marret hi u qalet lill-imputat sabiex jitlaq u jhallihom bi kwiethom. L-imputat beda jghajjat u qalilha li kien ser iqattahom, hareg ponn tal-hadid mill-but u taha daqqa bih f'widnejha tax-xellug. L-imputat kellu wkoll f'idu xi haga zghira bil-ponta li biha laqghat lil Stefano Muscat f'idu.

Illi Dr Daniel Chircop xehed fl-udjenza tas-17 ta' Novembru 2017 (a fol 87 sa 89 tal-atti processwali) fejn qal li huwa kien ezamina lil Nicole Micallef dakinhar tal-incident u kkonstata li kellha t-tambur tal-widnejha tan-naha tax-xellug mifqugh kawza ta' trawma. Il-griehi gew klassifikati bhala gravi ghar-raguni li jista' jintilef is-smiegh u anki jekk ikun hemm intervent is-smiegh jista ma jigix lura mija fil-mija.

Illi WPS 198 Jennifer Caruana xehdet fl-udjenza tat-23 ta' Frar 2017 (a fol 43 sa 45 tal-atti processwali) fejn qalet li meta marret fuq il-post kien ghad hemm kommozzjoni ghaddejja u l-imputat, Stefano Muscat u Nicole Micallef gew imwaqqfa mill-Pulizija. Ix-xhud elevat il-ponn tal-hadid mill-

hamrija u mus zghir minn fuq Nicole Micallef. Wara l-incident l-imputat ittiehed l-Ghassa ta’ Birkirkara fejn irraporta li Stefano Muscat qattalu l-gakketta meta beda jxejjer il-mus lejh. Kopja tal-okkorrenza tinsab esebita bhala Dok. JC2 a fol 46 sa 50 tal-atti processwali.

Fl-udjenza tal-20 ta’ Jannar 2017 Jason Mifsud ikkonferma (a fol 34 sa tal-atti processwali) li dakinhar tal-incident kien qieghed ma’ Stefano Muscat u t-tfajla tieghu u kienu jinsabu l-gnien ta’ Birkirkara. L-imputat beda jghajjat lil Stefano Muscat. Nicole Micallef marret hdejn l-imputat sabiex ma jiggieldux u l-imputat taghha daqqa ta’ ponn tal-hadid go widnejha tax-xellug.

L-Ispettur Elton Taliana xehed fl-udjenza tat-13 ta’ Ottubru 2016 (a fol 81 sa 84 tal-atti processwali) fejn spjega li l-ghada tal-incident, fis-26 ta’ Dicembru 2016 l-imputat irrilaxxja stqarrija esebita a fol 3 sa 5 tal-atti processwali. Fl-udjenza tal-4 ta’ Mejju 2018 l-Ispettur Robert Vella ikkonferma (a fol 116 sa 117 tal-atti processwali) l-vera kopja tad-digriet u l-kundizzjonijiet ghall-helsien mill-arrest tal-imputat a fol 9 tal-atti processwali

L-imputat ghazel li ma jixhidx f’dawn il-proceduri izda fl-istqarrija tieghu rilaxxata fis-26 ta’ Dicembru 2016 huwa sostna li dakinhar tal-incident de quo huwa kien miexi l-Istazzjon ta’ Birkirkara u ra lil Stefano Muscat mal-gharusa tieghu u ma’ terza persuna. L-imputat ghajjat lil Stefano sabiex jistaqsih ghaliex kien offendih fuq Facebook u Stefano Muscat irvella u hareg mus li beda jxejru lejn l-imputat u beda jqattalu l-gakketta. L-

imputat cahad li kien ta daqqa lil Nicole Micallef u stqarr li Stefano Muscat sofra l-griehi ghaliex laqat lilu nnifsu bil-mus li beda' jxejjer lejh.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat jinsab akkuzat li kkagunat ferita gravissima fuq Nicole Micallef a tenur tal-Artikolu 218 tal-Kodici Kriminali. Dan l-artikolu jipprovdi:-

> L-offiża gravi hija punibbli bil-priġunerija minn ħamsa sa għaxar snin –
>
> (a) jekk tikkaġuna debbulizza permanenti fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-ġisem, jew iġġib difett permanenti f'parti tal-għamla tal-ġisem, jew, marda permanenti tal-moħħ;
>
> (b) jekk iġġib sfreġju gravi u permanenti fil-wiċċ, fil-għonq jew f'waħda mill-idejn tal-offiż;
>
> (ċ) jekk, meta ssir fuq mara tqila, iġġibilha l-abort.

Illi it-tieni sub artikolu jkompli jghid:-

> (2) Id-debbulizza fis-saħħa jew fil-funzjoni ta' parti tal-ġisem,u l-marda tal-moħħ, l-isfreġju gravi jew id-difett jitqiesu permanenti wkoll jekk x'aktarx ikunu hekk

Rigward l-element formali tal-offiżi kontemplati fl-artikoli 216,217 u 218 tal-Kap. 9, jispjega l-Profs Mamo:

> To constitute the crime of wilful bodily harm, the injury must have been caused intentionally. But the intention required is merely the 'animus nocendi', the generic intent to cause harm, without requiring necessarily an actual intention to do the particular kind of bodily harm which, in fact, ensues. In other words, it is not essential that the intention was to produce the full degree of harm that has actually been inflicted. [...]
>
> Therefore, in the case of bodily harm, if the intent of the doer is to injure, he will answer for the harm actually caused, in application of the principle "dolus indeterminatus determinatur ab exitu"

Fis-sentenza moghtija fil-kawza fl-ismijiet "Repubblika ta' Malta vs Salvatore sive Salvu Gauci" inghad illi:-

> 'Biex wiehed jara x'kienet l-intenzjoni, wiehed irid jara x'kienu l-fatti - l-att materjali li sar - kif ukoll ic-cirkostanzi li fih sehh dak l-att materjali. Wiehed irid jara x'arma intuzat, kif intuzat, 'il fejn giet indirizzata jew gew indirizzati d-daqqa jew id-daqqiet b'dik l-arma, x'diskors intqal sew qabel, waqt, kif ukoll wara li nghatat id-daqqa jew li nghataw id-daqqiet... Ghalkemm huwa veru li wiehed irid jiddesumi l-intenzjoni ta' dak li jkun kemm mill-att materjali kif ukoll mic- cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-

> istess att materjali, l-intenzjoni dejjem tibqa' kwistjoni soggettiva - jigifieri x'kellu f'mohhu l-agent (l-akkuzat) fil-mument li ghamel l-att - u mhux semplicement kwistjoni oggettiva ta' x'missu anticipa jew x'kienet tanticipa l-persuna ta' intelligenza ordinarja

Illi l-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li l-imputat kien konsapevoli ta' dak li kien qieghed jaghmel u intenzjonalment ta daqqa ta' ponn tal-hadid lil Nicole Micallef. Il-verzjoni ta' Nicole Micallef hija korraborata mix-xhieda ta' Jason Mifsud inoltre l-griehi sofferti minnha huma kompatibbli mad-daqqa deskritta minnha.

Illi dwar in-natura tal-griehi, l-imputat jinsab akkuzat li kkawza offiza gravissima taht l-Artikolu 218. Fl-Appell Kriminali fl-ismijiet Il-Pulizija v. Joseph Azzopardi deciz fit-30 ta' Lulju 2004 inghad:

> "Il-kwistjoni ta' jekk offiza hix wahda hafifa u ta' importanza zghira, hafifa, gravi jew gravissima hi wahda ta' fatt u ghalhekk rimessa ghall-gudikant talfatt (fil-kaz ta' guri, ghalhekk, rimessa f'idejn il-gurati; fil-kaz odjern rimessa f'idejn il-gudikant ta' l-ewwel grad - il-magistrat - u issa f'iejn l-Imhallef sedenti). Ma hix, ghalhekk, kwistjoni li tiddependi necessarjament jew esklussivament fuq 'opinjoni medika'. It-tabib jew tobba jispjegaw x'irriskontraw bhala fatt; u, jekk ilqorti tippermettilhom, jistghu joffru l-opinjoni taghhom dwar, fost affarijiet ohra, kif setghet giet ikkagunata dik l-offiza, jew ma' x'hiex huma kompatibbli s-sintomi li jkunu gew klinikament riskontrati. Ikun jispetta mbaghad ghall-gudikant talfatt li, fid-dawl

> mhux biss ta' dak li jkun xehed it-tabib izda fi-dawl tal-provi kollha, jiddetermina n-natura ta' l-offiza."

Illi fix-xhieda tieghu it-tabib Daniel Mari Chircop spjega li huwa klassifika l-offiza bhala gravi ghaliex Nicole Micallef **tista’** [sottolinear tal-Qorti] titlef is-smiegh jekk it-tanbur ma jfieqx wahdu. Spjega li anke jekk ikun hemm xi intervent li jkun necessarju, is-smigh jista’ ma jigix lura mija fil-mija. Minn din ix-xhieda u lanqas minn dik ta’ Nicole Micallef ma jirrizultax li Nicole Micallef sofriet inekwivokabbilment debulizza permanenti jew li x’aktarx ikun hekk izda tista’ s-sofri tali debulizza jekk it-tambur ma jfieqx wahdu – haga li ma gietx eskluza mit-tabib Chircop. Ghalhekk ma tirrizultax l-offiza gravissima izda tirrizulta dik gravi taht l-Artikolu 216 (1)(a)(2) tal-Kodici Kriminali, cjoe reat inqas gravi.

Illi l-Qorti hija sodisfatta li tirrizulta wkoll it-tielet imputazzjoni. Mix-xhieda ta’ Nicole Micallef u ta’ Jason Mifsud jirrizulta li kien hemm glieda u l-imputat beda jghajjat qabel taghha d-daqqa ta’ ponn tal-hadid. Inoltre WPS 198 Jennifer Caruana xehdet li meta marret fuq il-post kien ghad hemm kommozzjoni ghaddejja. Tirrizulta wkoll ir-raba’ imputazzjoni li l-imputat naqas milli jhares il-kundizzjonijiet ta’ liberta’ provizjorja (digriet relattiv inserit a fol. a fol 9 tal-atti processwali).

Illi fil-fehma tal-Qorti t-tieni mputazzjoni migjuba fil-konfronti tal-imputat ma tistghax titqies bhala pruvata sal-grad rikjest mill-ligi stante li l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-prova li l-imputat ma kellux permess mill-Kummissarju tal-Pulizija li jgorr arma regolari.

Ghall-finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat il-fatt li l-imputat m'ghandux fedina penali nadifa u jidrilha li ghandha timponi piena karcerarja sospiza fil-massimu. In kwantu jirrigwarda d-digriet ghall-helsien mill-arrest tad-29 ta' Lulju 2016 din il-Qorti setghat tikkonstata li m'ghadux aktar in vigore stante li l-kawza relattiva ghaddiet in gudikat fl-1 ta' Frar 2018 u l-Qorti ghalhekk mhux ser tordna ri-arrest tal-imputat.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli tal-ligi ndikati mill-Avukat Generali fin-Nota ta' Rinviju ghall-Gudizzju tad-9 ta' Novembru 2018 u senjatament l-Artikoli 216(1)(a)(2), 338(dd), 579(1) u (2), 17 u 31 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-ewwel (1), tat-tielet (3) u tar-raba' (4) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah sentejn (2) prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perjodu ta' erba' (4) snin millum. Il-Qorti tiddikjara lill-imputat mhux hati tat-tieni imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u konsegwentement tilliberah minnha.

**Magistrat**

Graziella Abela

Deputat Registratur